**16 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Filippa Grima et.
*versus*
Vincenzo Borg et.

**Testment — Interpretazzjoni**

*Hu minnu li l-ġudikant għandu l-kompitu li jinterpreta testment li jinġieb quddiemu f'kawża; u illi, sabiex tiġi nterpretata tajjeb dispożizzjoni testamentarja, huwa għandu jippenetra l-intenzjoni tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha; imma meta dispożizzjoni testamentarja li għandha tiġi nterpretata hija magħmula f'termini ċari, u li ma joffrux ruħhom għal xi ambigwità, ma hux leċitu għal ħadd li jaltera dawk it-termini bil-intromissjoni tax-xogħol tal-ġudizzju tiegħu. Fl-interpretazzjoni ta' testment għandu jittieħed rigward pjuttost għall-volontà tat-testatur milli għall-kliem; u l-intenzjoni tat-testatur, aktar milli mit-termini tal-lokuzzjoni kontroversa, tiġi riċerkata fil-kontest intier tad-dispożizzjonijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi b'testment "unica charta" magħmul fit-30 ta' Jannar 1935 in atti Nutar Alberto Sigismondo D'Andria (dok. A), modifikat b'testment "unica charta" ieħor tad-19 ta' Ottubru 1936 in atti tal-istess Nutar (dok. A), Giuseppe u Giuseppa miżżewġin Micallef iddisponew mill-ġid tagħhom fis-sens hemm indikat, u ċjoè li salvi ċerti legati, il-ġid rimanenti li jkun jeżisti fil-ġurnata tal-mewt tas-superstiti fosthom jinqasam f'żewġ porzjonijiet, li minnhom porzjon ġiet imħollija lill-persuni hemm indikati, fosthom Concetta mart Andrea Borg, omm il-konvenuti, u l-porzjon l-oħra ġiet im-

ħollija lill-persuni hemm indikati, fosthom l-atturi aħwa Bonnici u l-awturi tal-attur Philip Grima; u illi din id-dispożizzjoni għandha tiġi nterpretata fis-sens li Giuseppe Micallef kien qiegħed jiddisponi mill-assi tiegħu, kif ingħad, rigward l-ewwel nofs, u li Giuseppa Micallef kienet qegħdha tiddisponi mill-assi tagħha, kif ingħad, rigward it-tieni nofs;

U illi l-imsemmi Giuseppe Micallef, wara l-mewt tal-imsemmija martu, reġà żżewweġ ma' Agostina xebba Borg, u għamel testment ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella tas-7 ta' Frar 1951 (dok. C), li in forza tiegħu ħassar it-testment tiegħu preċedenti preċitat in atti Nutar D'Andria tat-30 ta' Jannar 1935, modifikat kif fuq imsemmi, u nnomina bħala werrieta tiegħu lit-tieni mara, mentri li lill-konvenuti (meta allura ommhom kienet mejta) ħallielhom legat b'testment ieħor sussegwenti tal-24 ta' Marzu 1951 in atti tal-istess Nutar Vella (dok. D), b'mod li l-konvenuti ġew esklużi mill-benefiċċji lilhom imħollija fl-ewwel testmenti fuq ċitati;

U illi fil-kawża fl-ismijiet "Agostina armla Micallef vs. Avukat Dottor Oliver Gulia bħala kuratur tal-wirt battal ta' Giuseppa Micallef", intentata mit-tieni mara, u armla ta' Giuseppe Micallef, il-konvenuti ntervenew "in statu et terminis", fuq il-pretensjoni li huma għandhom interess fil-wirt tal-imsemmija Giuseppa Micallef nee Bonnici; u illi din il-pretensjoni, għar-raġunijiet premessi, hija infondata, u l-instanti għandhom interess li jkun hemm pronunzjament tat-tribunali f'dan is-sens, biex hekk huma ma jkunux imfixkla mill-konvenuti dwar dak li jirrigwarda l-assi tal-istess Giuseppa Micallef;

Jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi minn din il-Qorti dikjarat u deċiż li l-instanti huma l-eredi tal-imsemmija Giuseppa Micallef nee Bonnici u li l-konvenuti m'humiex kjamati għall-wirt tal-istess Giuseppa Micallef. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn. B'att ta' ċitazzjoni numru 222/54 fil-kawża in re "Agostina Micallef ne. vs. Avukat Dr. Oliver Gulia ne. et." (li għadha pendenti quddiem din il-Qorti u differita "sine die"), Agostina armla minn Giuseppe Micallef, bħala unika eredi talimsemmi żewġha in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar Carmelo Giuseppe Vella tas-7 ta' Frar 1951, wara li ppremettiet li l-imsemmi Giuseppe Micallef kien ir-raġel fl-ewwel żwieġ ta' Giuseppa Micallef, li mietet fit-12 ta' Mejju 1943, u li huwa miet fl-24 ta' Mejju 1951; u li fis-7 ta' Frar 1951 huwa kien għamel magħha testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Carmelo Giuseppe Vella li bih innominaha unika eredi tiegħu; u li hija għandha nteress li tiġi likwidata u diviża l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn żewġha u l-ewwel mara tiegħu, talbet il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti msemmija, u li din il-komunjoni tiġi diviża f'parti ugwali bejnha u l-eredità ġjaċenti tal-imsemmija Giuseppa Micallef. B'rikors tat-28 ta' Ġunju 1955, il-konvenuti fil-kawża odjerna talbu li jiġu ammessi "in statu et terminis" f'dik il-kawża, wara li esponew li huma nteressati fil-likwidazzjoni tal-eredità ta' Giuseppa Micallef, billi din, b'testment fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria tad-19 ta' Ottubru 1936, ħalliet lilhom u lill-zijithom Marianna mart Giuseppe Micallef u Suor Eusebia ta' San Ġużepp, li tagħhom huma eredi, bħala legat, kwota mill-assi ereditarju tagħha; liema talba ġiet akkolta minn din il-Qorti b'digriet tat-30 ta' Ġunju 1955;

B'digriet tal-10 ta' Novembru 1955, din il-Qorti laqgħet ukoll it-talba tal-atturi aħwa Bonnici f'din il-kawża biex jiġu ammessi jintervjenu f'dik il-kawża "in statu et terminis"; dik it-talba l-atturi ddeduċewha b'rikors tad-9 ta' Novembru 1955 u fih esponew li huma nteressati fil-likwidazzjoni tal-eredità ta' Giuseppe Micallef;

B'rikors minnhom avanzat fiż-17 ta' Marzu 1959, l-atturi f'din il-kawża, wara li esponew li huma, l-aħwa Bonnici, aċċettaw il-wirt ta' Giuseppa Micallef għal dak li hu s-sehem lilhom spettanti mentri għall-kumplament tal-ishma l-istess ġew akkwistati mill-attur Philip Grima minn għand

l-eredi rispettivi, u li huma dak inhar stess assumew l-atti ta' dik il-kawża minflok il-kuratur li kien ġie nominat biex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' Giuseppa Micallef, talbu li l-istess kuratur jiġi maħruġ barra minn dik il-kawża. Din it-talba ġiet akkolta minn din il-Qorti b'digriet tal-25 ta' April 1959;

B'rikors tal-20 ta' Novembru 1959, il-konvenuti fil-kawża odjerna, wara li esponew li huma jinsabu f'dik il-kawża ammessi "in statu et terminis", imma li għandhom interess fl-istess kawża bħala eredi medjati tal-imsemmija Giuseppa Micallef in virtù ta' żewġ testmenti "unica charta" li l-konjuġi Micallef kienu għamlu fl-atti tan-Nutar Sigismondo D'Andria fit-30 ta' Jannar 1935 u fid-19 ta' Ottubru 1936, talbu li jiġu ammessi f'dik il-kawża fil-kwalità tagħhom imsemmija; liema talba ġiet akkordata minn din il-Qorti b'digriet tal-21 ta' Novembru 1959;

Bil-kawża odjerna, l-atturi qegħdin jikkontestaw il-pretensjoni tal-konvenuti li għandhom interess fil-wirt tal-imsemmija Giuseppa Micallef, u qegħdin jitolbu li jkun hemm pronunċjament minn din il-Qorti f'dan is-sens, biex b'hekk huma ma jkunux imfixkla mill-kovenuti dwar dak li jirrigwarda l-assi tal-istess Giuseppa Micallef. L-atturi, ċjoè, jissottomettu li d-dispożizzjonijiet fl-imsemmija żewġ testmenti għandhom jiġu nterpretati fis-sens li bihom huma ġew istitwiti eredi ta' Giuseppa Micallef nee Bonnici, u li l-konvenuti mhumiex kjamati għall-eredità tal-istess Giuseppa Micallef;

Illi mill-premess jevinċi li l-kwistjoni bejn il-kontendenti hija waħda ta' nterpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ordnati fiż-żewġ testmenti fuq imsemmija fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria;

F'materja ta' nterpretazzjoni ta' testmenti, il-prinċipji fost oħrajn, huma dawn. Hu kompitu tal-ġudikant li jinterpreta t-testmenti (Vol. XXXVIII-II-599); sabiex tiġi nterpretata tajjeb dispożizzjoni testamentarja, l-interpreti għandu jippenetra l-intenzjoni leġittima tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha: imma meta d-dispożizzjoni testamentarja li għandha tiġi nterpretata hija magħmula f'termini

ċari, u li ma joffrux ruħhom għal xi ambigwità, ma hu leċitu għal ħadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xogħol tal-ġudizzju tiegħu (Vol. XXXII-II-190); fl-interpretazzjoni ta' testment, għandu jittieħed rigward pjuttost għall-volontà tat-testatur milli għall-kliem (Vol. XXVII-II-58); u l-intenzjoni tat-testatur aktar milli mit-termini tal-lokuzzjoni kontroversa, tiġi riċerkata fil-kontest intier tad-dispożizzjonijiet (Coen, Interpret. dei Testamenti, no. 1441);

Illi bl-ewwel wieħed mill-imsemmija żewġ testmenti, magħmul fit-30 ta' Jannar 1935, ġie ordnat, fost ħwejjeġ oħra, mit-testatur: fl-artikolu 3 legat ta' £700, li hu ddikjara li kienu tiegħu qabel iż-żwieġ favur ħutu Marianna mart Giuseppe Micallef, Suor Eusebia di San Giuseppe u Concetta mart Andrea Borg, u dan f'każ li hu jippremwori għat-testatriċi martu; fl-artikolu 4 legat ta' £60 lis-Società di San Vincenzo di Paoli eretta f'Birkirkara, £40 lill-kuġini tiegħu Maria, Adelina, Giuseppa, u Emmanuele mart Felice Azzopardi, aħwa Misura, ulied Giovanna, £10 kull waħda. Ġie mbagħad ordnat mit-testaturi: fl-artikolu 5 fondazzjoni ta' quddies lett in suffraġju ta' ruħhom; fl-artikolu 6 fondazzjoni ta' eżerċizzi spiritwali fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ; fl-artikolu 7 legat ta' £20 favur Filippa, Carmelo, Salvatore u Giovanni, aħwa Bonnici, konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn; fl-artikolu 8 nomina reċiproka ta' eredi universali; u fl-artikolu 9 li salvi dejjem u soddisfatti l-legati u l-fondazzjonijiet imsemmijin, wara l-mewt tagħhom it-tnejn, il-mobbli tad-dar tagħhom jitieħdu b'legat mill-aħwa Micallef, ċjoè Marianna, Suor Eusebia, u Concetta, b'ċerti kondizzjonijiet, u li l-beni rimanenti, mobili u immobili, għandhom jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali, ċjoè "in una metà da essere suddivisa e conseguita come segue. I testatori congiuntamente lasciano il dieci per cento di detta metà dei loro beni allora esistenti a favore della Propaganda Fidei; altri dieci per cento da distribuirsi in elemosina a favor della Società di San Vincenzo di Paoli; e le rimanenti ottanta per cento a favor dei germani Micallef sopradette, sostituendo a ciascuno che fosse premorto tra esse i figli propri di esso premorto; ed in caso che il premorto (o premorti secondo il caso) non lasciasse superstiti figli e discendenti, gli altri fratelli e sorelle in porzioni

uguali, cioè sempre limitatamente alla detta metà. E nella rimanente metà dei beni, da essere suddivisi e conseguiti come segue; nella ragione di un terzo a favor della pia Opera della Propaganda Fidei; un altro terzo a favor degli Istituti di Carità locali non governativi; e nel rimanente terzo a favore dei Reverendi Padri Teresiani della Birchircara. La testatrice dichiara di rinunziare a qualsiasi diritto ereditario che le potrebbe spettare dalla successione dei di lei genitori Francesco e Carmela coniugi Bonnici, tutti e due defunti";

Illi bit-testment l-ieħor, tad-19 ta' Ottubru 1936, l-istess żewġ testaturi mmodifikaw it-testmenti tagħhom fuq imsemmijin b'dan il-mod: ġie modifikat l-art. 3, billi t-testatur ordna lis-somma ta' £760 tiġi prelevata mill-assi tiegħu u konsegwita minn ħutu ġermani Marianna Micallef, Suor Eusebia di San Giuseppe, u Concetta Borg, u ddikjara għal kull fini tajjeb li qabel iż-żwieġ hu kellu fi flus £1000 u t-testatriċi ddikjarat li tirrikonoxxi dan il-fatt; ġie modififlat l-artikolu 4, billi t-testatur ħalla "de proprio" b'legat £100 oħra lis-soċjetà ta' San Vinċens di Paoli sezzjoni ta' Birkirkara; £100 oħra "de proprio" favur l-Istituti ta' Karità lokali mhux governattivi f'parti u porzjonijiet ugwali; £40 oħra favur il-kuġini ġermani tiegħu, aħwa Misura, £10 kull waħda; ġie annullat l-artikolu 7; u ġie modifikat l-artikolu 9, billi, salvi u soddisfatti l-ewwel il-legati u l-fondazzjonijiet piji ordinati bit-testment l-ieħor, u wara l-mewt tagħhom, iddisponew li l-mobbli tad-dar tal-abitazzjoni tagħhom imorru b'titolu ta' legat u bħala tali jiġu konsegwiti mill-ġermani Micallef, ċjoè Marianna, Suor Eusebia u Conċetta, b'ċerti kondizzjonijiet. Inoltre, ordnaw "che tutti i nostri beni che saranno rimasti, mobili ed immobili, e di qualsiasi genere essi sieno ed ovunque esistenti, verranno divisi in due porzioni uguali, e cioè una meta da essere suddivisa e conseguita come segue: nella ragione del dieci per cento di detta metà dalla Propaganda Fidei, in altre dieci per cento da distribuirsi in elemosina a favore della Società di San Vincenzo di Paoli; e nella rimanente ottanta per cento dai germani Micallef, sostituendo a ciascuno che fosse premorto tra essi germani Micallef i figli propri; in caso che il premoriente non lascasse figli e discendenti sostituendo fratelli e sorelle superstiti in proporzioni uguali; sempre

limitatament alla detta metà. In quanto alla rimanente metà, questa sarà suddivisa e conseguita come segue: nella ragione di un quarto quale legato a favore della Propaganda Fidei; in un altro quarto a favore degli Istituti di Carità locali non governativi . . . ; in un altro quarto a favore dei Reverendi Padri Teresiani della Birchircara . . . ; e nel rimante quarto da essere conseguito a favore di Filippa vedova di Giuseppe Grima, Carmelo, Salvatore e Grazia, germani Bonnici, figli del fu Francesco Bonnici, germani della testatrice Giuseppa, sostituendo a chiunque fosse premorto lasciando figli o figlie superstiti i detti figli o figlie, e in difetto di prole superstite la quota spettante al premorto accrescerà quella dei germani Bonnici superstiti. Tale articolo del precitato testamento del 30 gennaio 1935 va altresì modificato nel senso che io, Giuseppe Micallef, dichiaro di non voler rinunziare, come in effetto non rinunzio, ad alcun diritto ereditario che mi potrebbe spettare dalla successione dei miei genitori Francesco e Carmela coniugi Bonnici, tutti e due defunti";

Illi mill-kontest intier tad-dispożizzjonijiet riferiti kjarament jevinċi, bħal ma jissottomettu l-atturi, li, għalkemm l-assi tal-konjuġi Micallef jidher maqsum f'żewġ nofsijiet, b'dispożizzjonijiet differenti rigward kull nofs, l-intenzjoni tat-testaturi kienet li bl-ewwel testment, kif modifikat bit-tieni wieħed, Giuseppe Micallef kien qiegħed jiddisponi mill-assi tiegħu kif jingħad rigward l-ewwel nofs, u Giuseppa Micallef kienet qegħdha tiddisponi mill-assi tagħha kif ingħad rigward it-tieni nofs. Din l-intenzjoni tat-testaturi kif tajjeb osservaw l-atturi, tiġi rikavata minn dawn il-fatti, mill-istess atturi rilevati; u ċjoè:—

1. Li kieku ż-żewġ testaturi flimkien kienu qegħdin jiddisponu mill-assi konjugali tagħhom fiż-żewġ nofsijiet minnhom imsemmijin, ma kienx ikun hemm skop li għaxra fil-mija mill-ewwel nofs u terz mit-tieni nofs jiġu mħollija lill-istess enti, ċjoè is-soċjetà tal-Propaganda Fidei;

2. Li fl-ewwel nofs huma benefikati, minbara l-Propaganda Fidei u s-Società di San Vincenzo de' Paoli, ħut it-testatur, mentri fit-tieni nofs huma benefikati, oltre l-istess

Propaganda Fidei, l-Istituti Karitatevoli lokali u l-Patrijiet Tereżjani, ħut it-testatriċi;

3. Li fl-ewwel testment tat-30 ta' Jannar 1935, ħut it-testatriċi ma kienux kjamati għall-wirt tagħha, evidentement għaliex hi kienet irrinunzjat favur tagħhom, fl-istess testment, għall-wirt tal-ġenituri tagħha, imma fit-tieni testment, dak tad-19 ta' Ottubru 1936, l-istess testatriċi irtirat din ir-rinunzja, u konsegwentement ħalliet kwart tal-assi tagħha lill-istess ħutha;

4. Li t-testaturi fl-aħħar testment tagħhom ħassru l-frażi li kienu wżaw fl-ewwel testment, ċjoè li huma kienu qegħdin jiddisponi minn ġidhom "congiuntamente"; evidentement biex huma stess juru aktar ċar x'kienet l-intenzjoni tagħhom, li ċjoè kull konjugi kien qiegħed jiddisponi mill-assi tiegħu;

5. Li rriżulta li Giuseppe Micallef, wara l-mewt tal-mara tiegħu Giuseppa, reġa żżewweġ ma' Agostina nee Borg, u għamel żewġ testmenti oħra fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Giuseppe Vella fis-7 ta' Frar u fl-24 ta' Marzu 1951. Bl-ewwel wieħed, magħmul "unica charta" ma' martu Agostina, hu ħassar kull testment li kien għamel preċedentement, ħalla b'legat is-somma ta' £100 lill-Istitut ta' San Ġużepp ta' Għawdex, u istitwixxa eredi universali u proprijetarja assoluta lill-imsemmija martu Agostina Micallef. Bit-tieni wieħed, magħmul minnu waħdu hu għamel aġġunta għat-testment imsemmi l-aħħar, fis-sens li ħalla b'legat is-somma ta' £50 kull wieħed lin-neputijiet tiegħu minn oħtu Conċetta ġa mart Andrea Borg, ċjoè l-konvenuti fil-kawża odjerna, u s-somma ta' £40 bejniethom lill-kuġini tiegħu aħwa Misura. B'hekk it-testatur ħa ħsieb jibbenefika lill-konvenuti, l-istess bħal ma kien għamel fl-ewwel nofs bl-imsemmija testmenti "unica charta" fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria, appuntu billi kien jaf li huma kienu ġew esklużi minn kull benefiċċju lilhom imħolli f'dawn l-aħħar żewġ testmenti, li hu kien irrevoka bl-ewwel testment fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella, ċjoè kien jaf li dawn in-neputijiet kienu ġew benefikati biss, jew aħjar kienet ġiet benefikata ommhom Conċetta Borg, mill-assi tiegħu, u mingħajr dik l-aġġunta minnu

magħmula huma ma kienu sejrin jikkonsegwixxu xejn. Giuseppe Micallef ħalla dan il-legat direttament lill-konvenuti, billi meta għamel dan il-laxxitu l-imsemmija Konċetta Borg, kif jirriżulta mill-istess testment, kienet mietet;

Illi hija għalhekk fehma ta' din il-Qorti illi d-dispożizzjonijiet fit-testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria tat-30 ta' Jannar 1935, kif modifikat bit-testment l-ieħor "unica charta" fl-atti tal-istess nutar tad-19 ta' Ottubru 1936, għandhom jiġu nterpretati fis-sens li Giuseppe Micallef kien qiegħed jiddisponi mill-assi tiegħu kif ingħad rigward l-ewwel nofs, u li Giuseppa Micallef kienet qegħdha tiddisponi mill-assi tagħha kif ingħad rigward it-tieni nofs. Ma hux dubju li l-konvenuti f'dawn t-testmenti ma jissemmewx li għandhom b'xi mod jipparteċipaw mill-beni komponenti dan it-tieni nofs; u għalhekk l-istess konvenuti mhumiex kjamati għall-wirt ta' Giuseppa Micallef;

Illi l-atturi jippretendu wkoll li huma l-eredi tal-imsemmija Giuseppa Micallef, u qegħdin jitolbu deklaratorja f'dan is-sens. Din il-Qorti tinklina taċċetta din il-pretensjoni attriċi bħala fondata. Infatti, għalkemm skond il-lokuzzjoni adoperata fl-artikolu 9 tat-tieni testment, dak ċjoè tad-19 ta' Ottubru 1936, donnu jidher li l-laxxitu mħolli lill-atturi mit-tieni nofs hu ta' legat, mill-kumpless tal-istess artikolu tat-testment jidher li dak il-laxxitu mhux ħaġ'oħra ħlief istituzzjoni ta' eredi li kellha jkollha effett wara l-mewt taż-żewġ testaturi. "Salvi e soddisfatti prima i legati e le fondazioni mediante tale testamento del 30 gennaio 1935 ordinate, ed avvenuta la morte di entrambi . . . ordiniamo che tutti i nostri beni che saranno rimasti . . . . . verranno divisi in due porzioni uguali, e cioè una metà da essere suddivisa e conseguita come segue . . . . . e nel rimanente quarto da essere conseguita a favore . . . . ." Kwindi darba li t-testaturi riedu, kull wieħed għall-assi tiegħu, li dan il-laxxitu ordnat fl-artikolu 9 tat-testment jiġi konsegwit wara li l-ewwel jiġu soddisfatti l-legati u l-fondazzjonijiet ordnati minnhom, l-istess laxxitu — li ġie determinat mhux f'somma ta' flus jew f'beni speċifikati, imma fi kwota ta' assi — ma setgħax ġie mħolli bl-intenzjoni li jkun legat ieħor, imma li jiġi konsegwit mill-benefiċjarji bħala eredi;

Verament, jista' jingħad li fl-artikolu 8 tal-istess testment it-testaturi ħallew lilhom stess eredi ta' xulxin, u li kwindi b'dak it-testment eredi ta' Giuseppa Micallef ġie minnha istitwit żewġha Giuseppe, u mhux l-atturi, jew ħadd ieħor. Però, apparti jekk fl-intenzjoni tat-testaturi huma riedux jinnominaw lill-xulxin eredi jew użufruttwarji, kif ġa ġie rilevat, l-istituzzjoni ta' eredi fl-atturi proprio et nomine minn Giuseppa Micallef ġiet magħmula b'mod li jkollha effett wara l-mewt ta' żewġha Giuseppe Micallef. Kieku t-testaturi b'dan it-testment ħallew eredi lill-xulxin biss, u mhux lil ħadd ieħor, ma kienx ikollu sens it-tieni paragrafu tal-artikolu 10 tal-istess testment, fejn jingħad:— "E noi testatori vogliamo ed ordiniamo che chiunque tra gli eredi ed i legatari tentasse di impugnare il presente nostro testamento ......" Kwindi t-testaturi stess fissru li b'dan it-testment tagħhom kienu istitwew eredi biex jikkonsegwixxu l-beni tagħhom, oltre li ħallew parti mill-istess beni lill-legatarji. Ċertament, dawn l-eredi li għalihom jirriferixxu t-testaturi ma setgħux kienu t-testaturi stess. imma Giuseppe Micallef kien qiegħed jirriferixxi għall-eredi nominati minnu, u Giuseppa Micallef kienet qegħdha tirriferixxi, bħala eredi tal-assi tagħha, fi kwart il-Propaganda Fidei, fi kwart ir-Reverendi Padri Teresiani ta' Birkirkara, fi kwart ieħor l-"Istituti Caritevoli locali non governativi" — tliet enti li minnhom għandu kawża l-attur Philip Grima — u fil-kwart rimanenti l-atturi l-oħra, aħwa Bonnici. Del resto, l-istess konvenuti, fid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet tagħhom jirrikonoxxu almenu li Philip Grima huwa ċessjonarju ta' xi eredi nominati bit-testment. Dawn l-eredi msemmijin mill-konvenuti huma appuntu t-tliet enti ġa riferiti. Kwindi, bħal ma fl-istess ħsieb tal-konvenuti dawk l-enti ġew nominati eredi bit-testment, hekk ukoll l-atturi huma eredi nominati bl-istess testment;

Illi għalhekk id-domanda tal-atturi hija ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għall-istess domanda; imma minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenuti.